Jiena nixtieq naghti liz-zghazagh tal-lum deskrizzjoni ta' l-Imqabba – tifkiriet tfuliti (qabel il-gwerra) – b'paragun ma' fejn tinsab issa.

Nibda biex nghid li, bhal kull lokalita ohra, konna nitkellmu bid-djalett partikulari taghna.

F'dak iz-zmien il-maggoranza ta' l-irgiel Imqabbin kienu jaqilghu l-ghixien taghhom minn xoghol fil-barrieri fejn il-qtugh tal-gebel kien kollu jsir bl-idejn. Il-mekkanizazzjoni tal-qtugh tal-gebel fil-barrieri beda wara l-gwerra 1939 – 1942. Xoghol il-mara kien principalment id-dar – tipprepara l-ulied ghal- iskola, ndafa tad-dar u tipprepara l-ikel ghal-familja. Possibilment kull familja kienet trabbi xi fniek u tigieg anki moghza jekk ikollha maqjel. Bosta drabi l-familja kienet tikkultiva ghalqa fejn anki l-mara kienet taghti sehemha.

Ilbies – ghalkemm il-hafa kien ghadu komuni, l-irgiel kienu juzaw il-qorq, qalziet, sidrija u beritta. In-nisa juzaw zarbun ta' takkuna baxxa, dublett twil sas-saqajn u ghonnella. Fl-iskola s-subien ma jilbsux uniformi waqt li l-bniet jilbsu fardal abjad, kotba u pitazzi fil-basket tac-carruta.

L-art tad-djar tkun imsaqfa bic-cangatura tal-franka. L-uzu tad-madum tas-siment kien ghadu bil-bidu.

Ilma – Id-djar kienu jinqdew b'ilma tax-xita migbur fil-bjar. Ftit djar kellhom is-servizz tal-ilma tal-gvern li naturalment kien bi hlas. Ghal minn ma jkollhux bir – jew l-ilma tal-bir – kien hemm provduti ghejjun pubblici. Fl-Imqabba kien hemm erba'

minnhom, wahda fil-Misrah, kantuniera fejn tisbokka Triq id-Duluri, wahda fil-bidu tas-Sqaq l-Ispar, wahda fi Triq il-Langasa bjen Sqaq Nru 1 u Nru 2 u ohra hdejn l-Iskola, in-naha ta' l-Ghassa tal-Pulizija.

Sa snin tletin tas-seklu ghoxrin, it-toroq kollha ta' l-Imqabba kienu jkunu mwittijin bi zrar tal-qawwi li jigi rrumblat b'romblu tqil hafna.  Minhabba l-kwantita ta' trab li dawn it-toroq jikkagunaw kellna hafna mard tal-ghajnejn u fl-iskola kienu jigu t-tobba u jikkuraw lit-tfal ghat-tracoma.

L-awtoritajiet civili kienu waqqfu skema biex f'xi granet tal-festa jew purcissjoni kbira it-toroq principali tal-festa kienu jigu mxarrbin bil-bexxiexa biex jittaffa l-effett tat-trab.

Il-Bexxiexa – L-awtoritajiet civili rrakomandaw lid-Dipartiment ta' l-Indafa fit-Toroq biex jiehdu hsieb il-bexx meta jkun hemm bzonn.  Ghalhekk meta kienet qed tinbena l-Misrah tal-Mentna (Diamond Jubiliee Square) thaffret giebja ghal riserva ta' l-ilma b' kumnikazzjoni mal-'main' tal-ilma ta' l-gvern.  Ix-xoghol tal-bexx kien isir hekk:

Pawlu Ellul – turncock mill-Qrendi li kien jiehu hsieb il-'mains'tal-ilma kollha tar-rahal, kien jiftah il-'main' tal-gibja minn nofs it-triq 'l fuq mill-istatwa tal-Kuncizzjoni u jitlaq.  Kien jirritorna meta kien jikkalkula li l-giebja jkollha bizzejjed ilma.  Jien x'hin kien jitlaq kont niehu pjacir nisma' l-ilma niezel waqt li nkun nilghab bic-cirku.

Il-giebja kienet tinghalaq bit-tappira.  Kien hemm tlieta haddiema li jahdmu r-rahal mad-Dipartiment ta' l-Indafa – Pawlu Briffa (tal-Lampa), Guzepp Cutajar (il-Lager) u

Nardu Farrugia (in-Nejmus) li kien igib il-karettun migbud mill-bhima u bettiegha mdaqqsa fuq il-karettun.

Ix-xoghol jimxi hekk:  bil-karettun magenb il-bokka tal-giebja Pawlu jimla' l-barmil mill-giebja u jnewwlu lil Guzepp u Guzepp lil Nardu fuq il-karettun ibattal l-ilma fil-bettiegha.  Minn hemm imorru quddiem il-Knisja lesti biex jibda l-bexx.  Il-bexxiexa tkun tiehu l-ilma permezz ta' 'pipe' tal-kanvas marbut mall-bettieghau b'bicca habel marbuta mal- bexxiexa li tigi mxengla 'l hawn u 'l hemm.  Mela, Nardu ma ras il-bhima Pawlu u Guzepp jalternaw fuq il-bexxiexa.  Fil-purcissjoni l-kbira il-bexx jibda minn Triq Karmel (iz-Zoppa) quddiem l-iskola, triq tan-nofs (Parish Street), il-Misrah, Triq San Bazilju etc. Il-bettiegha timtela' kemm il-darba jkun hemm bzonn.  Ghandi memorji ohra fuq dik il-giebja u li nixtieq nghaddihom bil-fomm.

Salvu Farrugia